(7) Fl-aħħar nett, liema għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala legali u liema għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala illegali skont il-Kummissjoni?

(8) Min mill-partijiet fil-kawża prinċipali (l-impriża jew id-direttorat reġjonali tax-xogħol) għandu l-oneru li jipprova li l-baġit stabbilit mill-Kummissjoni ma nqabiżx?

(9) Ir-rikonixximent eventwali favur impriżi benefiċjarji, ta' interessi legali għal ħlas tardiv tas-sussidji kkunsidrati legali u ammissibbli għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi evalwat jekk inqabiżx il-baġit awtorizzat inizjalment bid-Deċiżjoni 95/C 343/11 tal-14 ta' Ottubru 1995?

(10) Fil-każ fejn dan huwa inkluż fid-determinazzjoni ta' dan il-qbiż, liema rata ta' interessi għandha tiġi applikata?

---

([1]) ĠU L 077, p. 57
([2]) ĠU L 42, p. 1
([3]) ĠU L 267, p. 29

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vestre Landsret (Id-Danimarka) fis-17 ta' Frar 2010 — Danfoss A/S u Sauer-Danfoss ApS vs Skatteministeriet**

**(Kawża C-94/10)**

(2010/C 100/47)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Vestre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Danfoss A/S u Sauer-Danfoss ApS

*Konvenuta:* Skatteministeriet

**Domandi preliminari**

(1) Id-dritt Komunitarju jipprekludi lil Stat Membru milli jiċħad talba għal rimbors ta' impriża, li ġie mgħoddi lilha dazju tas-sisa impost kontra direttiva, fejn tali ċaħda, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża preżenti, hija bbażata fuq l-argument li ma hijiex l-impriża li ħalset id-dazju lill-Istat?

(2) Id-dritt Komunitarju jipprekludi lil Stat Membru milli jiċħad talba għal kumpens għad-danni ta' impriża, li ġie mgħoddi lilha dazju tas-sisa impost kontra direttiva, fejn tali ċaħda, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża preżenti, hija bbażata fuq argumenti invokati mill-Istat Membru (speċifikament, li l-impriża ma hijiex il-parti li sofriet id-danni direttament u li ma hemmx rabta kawżali bejn kwalunkwe danni u l-imġiba li ħolqot ir-responsabbiltà)?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja) fil-25 ta' Frar 2010 — Virallinen syyttäjä vs Malik Gataev u Khadizhat Gataeva**

**(Kawża C-105/10)**

(2010/C 100/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Virallinen syyttäjä (prosekutur pubbliku)

*Konvenuti:* Malik Gataev u Khadizhat Gataeva

**Domandi preliminari**

(1) Kif għandha tiġi interpretata r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/85/KE (id-direttiva dwar il-proċeduri ta' ażil) ([1]) u d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] 2002/584/ĠAI ([2]), meta l-persuna li tintalab il-konsenja tagħha permezz ta' mandat ta' arrest Ewropew, li hija ċittadin ta' Stat terz, tkun applikat għall-ażil fl-Istat Membru li għandu jeżegwixxi l-mandat u fejn l-applikazzjoni għall-ażil għadha pendenti fl-istess żmien bħall-kawża dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest?

(a) Għandha tingħata priorità lid-dritt imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-direttiva li persuna tibqa' fl-Istat Membru sakemm tkun qed tiġi eżaminata l-applikazzjoni tagħha, jew il-paragrafu 2 tal-istess artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest hija motiv li jipprevali fuq id-dritt imsemmi fl-Artikolu 7(1)? L-applikazzjoni għall-ażil pendenti tippermetti li tiġi rrifjutata l-konsenja fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas, minkejja li dan il-motiv ma jinsabx fl-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Qafas?

(b) L-Artikolu 7(2) tad-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti setgħa diskrezzjonali lill-Istati Membri sabiex jirregolaw il-kwistjoni li tinsab fil-punt (a) bil-mod kif jidhrilhom huma fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom?

(c) Kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 7 tad-direttiva fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq fil-każ speċifiku fejn il-persuna li qed tintalab il-konsenja tagħha skont mandat ta' arrest tkun għamlet applikazzjoni għal ażil għal raġunijiet li huma, essenzjalment, l-istess bħal dawk li għalihom hija toġġezzjona għall-konsenja?

(d) Jekk jingħata l-ażil, dan ifisser li l-Istat responsabbli li jeżegwixxi l-konsenja għandu jirrifjuta l-konsenja? Dan jirreferi, barra minn hekk, f'din l-eventwalità, għar-raba' domanda preliminari (punti (a) sa (c)).

(2) Fid-dawl, minn naħa, tal-prinċipju li jirriżulta mill-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas, u, min-naħa l-oħra, tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(1)UE u ta' dawk tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi interpetata fis-sens li, barra mill-motivi għal rifjut stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmija deċiżjoni, il-konsenja tista' wkoll tiġi rrifjutata, fid-dawl tal-punti 12 u 13 tal-premessi tagħha, għal motivi oħrajn ibbażati fuq iċ-ċirkustanzi msemmija f'dawn il-premessi?

(a) Jekk id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi interpretata f'dan is-sens, liema huma l-motivi li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jew għandu jinvoka? Għaldaqstant, jista' Stat Membru jinvoka l-prinċipji ta' interpretazzjoni li ġew adottati, fil-kuntest tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-estradizzjoni? Jista' jinvoka wkoll raġunijiet li jwessgħu l-motivi għal rifjut meta mqabbla ma' dawk adottati mill-ECHR fil-ġurisprudenza tagħha?

(b) Jekk id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest tista' tiġi rrifjutata wkoll għal motivi oħra barra minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmija deċiżjoni, dan ifisser li l-Deċiżjoni Qafas tippermetti lill-Istat Membru li jirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest maħruġ sabiex tiġi eżegwita piena minħabba ċirkustanzi, dwar il-kontenut jew il-motivi tas-sentenza mogħtija fl-Istat Membru li ħareġ il-mandat ta' arrest jew ukoll dwar ir-regolorità tal-proċeduri li wasslu għal din is-sentenza, li jirrikjedu li l-ilmenti li saru fuq dawn il-punti jiġu eżaminati fl-Istat Membru li fih kienet intalbet l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest? Taħt liema kundizzjonijiet jew għal liema motivi preċiżi jista' jsir tali eżami ("Révision au fond")?

(c) Id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tawtorizza lill-Istat Membru jirrifjuta l-konsenja skont mandat ta' arrest innotifikat sabiex tiġi eżegwita piena jekk ikun hemm raġunijiet serji li wieħed jaħseb li l-proċeduri li wasslu għall-kundanna ma kinux ġusti minħabba li l-persuna kkundannata kienet ġiet suġġetta mill-awtoritajiet tal-Istat tal-qorti kkonċernata għal persekuzzjoni li waslu għal ħtija diskriminatorja?

(3) Huwa possibbli li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas jiġu interpretati fis-sens li l-konsenja tista' jiġi rrifjutata definittivament f'sitwazzjoni fejn din tista' tiġi rrifjutata temporanjament minħabba kunsiderazzjonijiet umanitarji gravi, pereżempju minħabba raġunijiet ta' saħħa, jekk in-natura eċċessiva tal-konsenja ma tistax tiġi eliminata billi tiġi sospiża l-eżekuzzjoni?

(4) Jekk id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest tista' tiġi rrifjutata għal motivi li mhumiex espressament previsti fid-Deċiżjoni Qafas, liema huma l-kundizzjonijiet li dan ir-rifjut għandu jkun suġġett għalihom, b'mod partikolari meta dan il-mandat ta' arrest inħareġ sabiex tiġi eżegwita piena?

(a) Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu segwiti *mutatis mutandis*? Fi kliem ieħor, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat jirrikjedi li l-persuna li ntalbet il-konsenja tagħha tkun ċittadin tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, jew li jkollha r-residenza permanenti tagħha f'dan l-Istat jew li dan l-Istat jimpenja ruħu li jimplementa huwa stess il-piena jew il-miżura, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu?

(b) Tal-anqas, ir-rifjut għandu jiġi suġġett għall-fatt li l-Istat li saritlu l-applikazzjoni għall-konsenja jimpenja ruħu li jimplementa hu stess il-piena jew il-miżura, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu?

(c) Jekk id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li, f'ċerti każijiet, hija tawtorizza r-rifjut tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest innotifikat sabiex jeżegwixxi piena minħabba ċirkustanzi dwar il-kontenut jew il-motivi tas-sentenza mogħtija fl-Istat Membru li ħareġ il-mandat, jew ukoll dwar ir-regolarità tal-proċeduri li wasslu għal din is-sentenza, ir-rifjut huwa leċitu indipendentement mill-kundizzjonijiet imsemmija f'(a) u (b)?

(5) X'għandha tkun l-importanza, mil-lat tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest, li għandha tingħata lill-fatt li l-persuna kkonċernata, li hija ċittadin ta' Stat terz, topponi għall-konsenja billi ssostni li hija mhedda, fl-Istat li ħareġ il-mandat ta' arrest, minn tkeċċija lejn Stat terz?

(a) X'inhija r-rilevanaza ta' dan il-motiv ta' oppożizzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas kif ukoll tal-obbligi li għandu l-Istat Membru li ħareġ il-mandat ta' arrest fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiz terz, skont id-dritt tal-Unjoni, fost oħrajn id-Direttivi tal-Kunsill 2004/83/KE ([3]) u 2005/85/KE?

(b) F'dan il-kuntest, huwa rilevanti l-Artikolu 28(4) tad-Deċiżjoni Qafas, li jipprovdi li persuna li tkun ġiet ikkonsenjata taħt mandat ta' arrest Ewropew ma tkunx estradata lejn Stat terz mingħajr il-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li kkonsenjaha? Il-projbizzjoni inkwistjoni tikkonċerna, barra l-konsenja wara delitt, anki miżura taq' tbegħid mill-pajjiż, bħat-tkeċċija, u taħt liema kundizzjonijiet?

(6) Il-qorti nazzjonali hija marbuta bl-obbligu, li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fil-punti 34 u 42 sa 44 tas-sentenza tagħha, tas-16 ta' Ġunju 2005, fil-Kawża C-105/03, Pupino, li tinterpreta d-dritt nazzjonali skont id-Deċiżjoni Qafas, kemm jekk din l-intepretazzjoni tkun favur jew kontra l-persuna kkonċernata, meta ma jkunx hemm wieħed mill-każijiet imsemmija fil-punti 44 u 45 tas-sentenza?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 175M, p. 168)

([2]) Id-Deċiżjoni kwadru [Qafas]tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34)

([3]) Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96)

## Digriet tal-President tat-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Jannar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesgerichtshof — Il-Ġermanja) — Sylvia Bienek vs Condor Flugdienst GmbH

**(Kawża C-525/08)** ([1])

(2010/C 100/49)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 55, 07.03.2009

## Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Jannar 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

**(Kawża C-313/09)** ([1])

(2010/C 100/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 256, 24.10.2009

## Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Jannar 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

**(Kawża C-328/09)** ([1])

(2010/C 100/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 297, 05.12.2009.